MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 14/1998/1

**Kummissarju tal-Artijiet**

**vs**

**Alfred Xerri**

Il-Bord;

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Artijiet li jghid hekk:

“Illi l-intimat gie notifikat b’Avviz ghall-Ftehim tal-21 ta’ Jannar 1998 fejn gie inurmat li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f’Hal Safi tal-kejl ta’ circa 214 metri kwadri li tmiss mal-Majjistral ma’ Triq Zurrieq, mill-Lbic ma’ Triq Sant’Andru u mix-Xlokk ma’ propjeta’ ta’ Emanuel Busuttil huwa ta’ tlett elef u sitt mitt lira Maltin (Lm3600) kif jidher mir-rapport tal-Perit John Sciberras

A&CE  tat-30 ta' Mejju, 1998 li kopja tieghu hija annessa mal-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-2 ta' Frar 1998 l-intimat fost affarijiet ohra jiddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert u jitlob li dan il-kumpens  ghandu jkun ta' hamsa u tletin elf lira Maltin (Lm35,000)

Ghaldaqstant ir-rikorrent titlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimata biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli, bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att li jaghti l-provedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap. 88)."

Ra r-risposta tal-intimata li tghid hekk:

"Illi ghalkemm huwa ma jikkontestax it-talba, huwa jissottometti li l-kumpens li ghandu jigi mhallas lilu huwa ta' dak mitlub fl-ittra ufficjali tat-2 ta' Frar 1998 fl-ammont ta' Lm35,000 ma liema somma ghandu jithallas ukoll l-imghax ghad-danni ta okkupazzjoni bir-rata ta' 8% fis-sena mid-data ta' meta l-Gvern attwalment okkupa l-propjeta' inkwistjoni.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Illi in sostenn tal-oggezzjoni tieghu l-intimat ressaq ix-xhieda tal-perit arkitett Mannie Galea li ddikjara li l-valur tal-art in kwistjoni hija ta' Lm46,010.  Inoltre, huwa esebixxa kopja ta' kuntratt notarili tas-7 ta' Settembru 2005 kif ordant in segwitu ta' sentenza ta' dan il-Bord diversament presedut, dwar art tal-kejl ta' tlett mija u

ghoxrin metri kwadri fl-istess inhawi bhal dik in dizamina u dan fil-valur ta' Lm57,083.

Illi l-art mertu tal-kawza ghandha kejl ta' 214 metri kwadri u ghalhekk l-valur *pro rata* mistenni mill-intimat huwa ta' Lm38,174.25;

Illi l-intimat ghamel linja difensjonali fis-sens illi din l-art mhix ser tintuza mill-Gvern ghall-iskop originali wara li kienu instabu oqbra Punici fuq parti mis-sit, izda l-intimat ma ssoktax id-difiza tieghu fuq din il-linja u ghallhekk il-Bord ma jara ebda raguni ghaliex ghandu jitratta dan il-punt;

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC David Pace u l-Perit AIC Joseph Briffa, nominati biex jassistu lill-Bord f'materja teknika, wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

Huma ikkunsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizzjonijeit ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici
(Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta) u partikolarment l-Artikoli 18 u 18A, u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-proprejta' ghandha tigi meqjusa bhala art fabrikabbli ghal finijiet tal-Ligi, u li l-valur ta-istess proprjeta' bhala libera u franka, u kif deskritta fid-dokumenti esibiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont ta' disgha u sittin elf tmien mija u wiehed u tmenin euro u ghoxrin centezmu (Euro 69,881.12) jew tletin elf lira maltin (Lm30,000);

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimat sabiex jitrasferixxi bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut , l-bicca art fabbrikabbli f'Hal Safi tal-kejl ta' circa 214 metri kwadri li tmiss mal-Majjistral ma' Triq Zurrieq, mill-Lbic ma' Triq Sant'Andru u mix-Xlokk ma' propjeta' ta' Emanuel Busuttil, bil-kumpens ta' disa u sittin elf tmien mija u wiehed u tmenin euro u tnax-il centezmu (Euro Euro 69,881.12) oltre l-imghax legali spettanti lil-intimat. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel

minfloku biex jippubblika l-att fil-15 t'April, 2009 fis-2.30 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Marco Ciliberti biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------